

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/106/KE

tal-14 ta' Awwissu 2009

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha.

Billi:

- (1) Sabiex jitjieb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili fi ħdan il-Komunità, id-Direttiva 2001/112/KE stipulat dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati għal progress tekniku u għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-iż-żillupi fi standards internazzjonali rilevanti, partikolarmen l-Istandards Codex għal meraq tal-frott u nektars (Codex Stan 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni Codex Alimentarius waqt it-tmienja u għoxrin sessjoni tagħha tal-4 – 9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-meraq tal-frott (European Fruit juice Association (AIJN)).

- (2) L-Istandard tal-Codex jistabbilixxi b'mod partikolari fatturi tal-kwalità u rekwiżiti tat-tikkettar għal meraq tal-frott u prodotti simili. Il-kodiċi ta' prattika tal-AIJN jistabbilixxi ukoll il-fatturi tal-kwalità għal meraq tal-frott minn konċentrat u jintuża internazzjonalment bħala standard ta' referenza għall-awtoregolamentazzjoni fl-industrija tal-meraq tal-frott. Id-Direttiva 2001/112/KE għandha tiġi kkonformata ma' dawn l-standards, safejn huwa possibbli.

- (3) Dan l-Istandard tal-Codex jistipula li prodott magħmul mir-rikostuzzjoni tal-konċentrat tal-meraq tal-frott huwa deskrifti bħala "meraq tal-frott minn konċentrat". Ir-rekwiżit tat-tikkettar korrispondenti flivell tal-Komunità għandu jagħmel użu ukoll miex termini li huma rikonoxuti internazzjonalment. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fit-tikkettar fl-Istati Membri kollha, il-verżjoniċċi lingwistiċi għandhom jiġu modifikati kif meħtieġ biex tinżamm konformità mal-kodiċi użat fil-Codex.

(4) L-Istandard tal-Codex u l-kodiċi ta' prattika tal-AIJN jistabbilixxu valuri minimi ta' gradazzjoni Brix għal lista ta' meraq tal-frott minn konċentrat; minħabba li dawn il-valuri jiffaċilitaw l-ittejtjar għar-rekwiżiti minimi ta' kwalità, huma għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni fil-każjiġiet fejn ikunu jikkorrispondu mal-valuri ta' referenza li jintużaw fil-Komunità.

(5) Id-Direttiva 2001/112/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri provvuti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2001/112/KE qed tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 6, il-kliem "magħmul b'konċentrat(i)" u "magħmul parżjalment b'konċentrat(i)", għandhom jinbidlu bil-kliem "minn konċentrat(i)" u "parżjalment minn konċentrat(i)" rispettivament.

(2) Fl-Anness I fit-Taqsima I, (Definizzjonijet) paragrafu 1, punt (b), it-tieni inċiż jibidel b'dan li ġej:

"Il-karatteristiċi organolettiċi u analitiċi tal-prodotti miksuba b'dan il-mod għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk ta' meraq ta' tip medju miksub minn frott tal-istess tip fi ħdan it-tifsira tal-punt (a). Il-livelli Brix minimi għal meraq tal-frott mill-konċentrat huma indikati fl-Anness V."

(3) Għandu jiżdied l-Anness V, kif ġie stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Sal-1 ta' Jannar 2011, l-Istati Membri għandhom idħiħlu fis-sejjh il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjoni amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufiżiż it-test ta' dawk id-dispożizzjoni lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodi ta' kif għandha ssir din ir-riferenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“ANNESS V

Isem Komuni tal-Frotta	Isem botaniku	Valuri minimi tal-grad Brix għal meraq tal-frott rikostitwit minn puré tal-frott
Tuffieħ (*)	<i>Malus domestica</i> Borkh.	11,2
Berquq (**)	<i>Prunus armeniaca</i> L.	11,2
Banana (**)	<i>Musa</i> sp.	21,0
Ribes (*)	<i>Ribes nigrum</i> L.	11,6
Għeneb (*)	<i>Vitis vinifera</i> L. or hybrids thereof <i>Vitis labrusca</i> L. jew <i>ibridi tiegħu</i>	15,9
Grejpfrut (*)	<i>Citrus x paradise</i> Macfad.	10,0
Gwava (**)	<i>Psidium guajava</i> L.	9,5
Lumi (*)	<i>Citrus limon</i> (L.) Burm.f.	8,0
Mango (**)	<i>Mangifera indica</i> L.	15,0
Larinġ (*)	<i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck	11,2
Passion Fruit (*)	<i>Passiflora edulis</i> Sims	13,5
Ħawħ (*)	<i>Prunus persica</i> (L.) Batsch var. <i>persica</i>	10,0
Lanġas (**)	<i>Pyrus communis</i> L.	11,9
Ananas (*)	<i>Ananas comosus</i> (L.) Merr.	12,8
Lampun (*)	<i>Rubus idaeus</i> L.	7,0
Ċirasa Qarsa (*)	<i>Prunus cerasus</i> L.	13,5
Frawli (*)	<i>Fragaria x ananassa</i> Duch.	7,0
Mandolin (*)	<i>Citrus reticulata</i> Blanco	11,2

Jekk xi meraq minn konċentrat jiġi mmanifatturat minn xi frotta li mhix imsemmija fil-lista ta' hawn fuq, il-livell minimu Brix tal-meraq rikostitwit għandu jkun l-istess bħal-livell Brix tal-meraq kif estratt mill-meraq użat biex isir il-konċentrat.

Għal dawk il-prodotti mmarkati b'asterisk (*) li jiġu prodotti bħala meraq, tiġi ddeterminata d-densità relativa minima tal-meraq f'temperatura ta' 20 °C mal-ilma f'temperatura ta' 20 °C.

Għal dawk il-prodotti mmarkati b'żewġ asterisks (**), li jiġu prodotti bħala puré, jiġi ddeterminat biss qari Brix minimu li ma jkunx ikkorregħut (mingħajji korrezzjoni bl-acċidu).

Fil-każ tar-ribes, gwava, mango u passion fruit, il-valuri minimi tal-grad Brix jaapplikaw biss għal meraq tal-frott rikostitwit u puré tal-frott rikostitwit prodotti fil-Komunità.”